# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tas-70 laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 24 ta' Frar 2015 fil-5:15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**70/01 Talba**

**70/01/01** Il-laqgħa bdiet fil-5.15 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġiet skużata.

**70/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 69**

**70/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti.

**70/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgha Nru 69**

**70/03/01** **Para 69/03/01:** Gie deċiż li jsir kuntatt mal-Avukat tal-Kunsill sabiex isir appuntament mieghu.

**70/03/02** **Para 69/03/02:** Il-Kunsill għandu jsegwi l-ittra lill-WSC rigward ix-xogħlijiet fi Triq Fra D. Mifsud.

**70/03/03** **Para 69/03/03:** Għandha ssir laqgħa mal-Ministru J. Mizzi nhar it-Tnejn, 2 ta' Marzu 2015 fl-10.30am. F'din il-laqgħa għandhom jiġu diskussi x-xogholijiet li ilhom pendenti ghal diversi xhur mad-Dipartimenti li jaqgħu taħt il-Ministeru fosthom il-bini ta' culvert fi Triq San Gwann, xogholijiet ta' patching u bini ta' bankini etc. Ser jiġu diskussi ukoll problemi li l-Kunsill ghandu ma Transport Malta.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**70/03/04** **Para 69/03/04:** L-Agent S.E. informa li qed isegwu mal-Paying Agency u l-MAGF dwar il-kisi bil-konkos ta' Sqaq il-Mahruq u dwar il-pagamenti pendenti fuq Gnien tal-Ponta.

**70/03/05** **Para 69/03/06:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa mal-GDP rigward is-*Searchlight Battery* saret. F'din il-laqgha filwaqt li gie ikkonfermat li l-ftehim tal-kera tal-post gie imġedded ghal 3 snin ohra l-GDP qal li ser jibghat perit sabiex jaghmel pjanti tal-post. Id-Direttur informa ukoll li meta l-GNP ikun ser jikri xi propjeta' tal-Gvern lill-privat dan johrog sejha pubblika.

**70/03/06** **Para 69/03/07:** Giet approvata l-istima mid-Dipartiment tax-Xogholijiet sabiex isiru t-toqob ghan-nar tal-art.

**70/03/07** **Para 69/03/09**: Il-Green MT ghad iridu jibghatu d-dokumenti mehtiega sabiex tiġi formalizzata l-estensjoni ta'sena tal-kuntratt eżistenti. Ser inkomplu nsegwu.

**70/03/08** **Para 69/03/12:** Ġiet innutata r-risposta pożittiva mid-DLG biex tinħareġ is-sejħa għall-ingagg ta' Skrivan/a *part-time* mal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li tinħareġ din is-sejħa interna.

**70/03/09** **Para 69//03/13:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa mal-Pulizija u l-Kappillan dwar il-purcissjonijiet tal-Gimgha l-Kbira kif ukoll dwar il-bzonn ta' aktar infurzar fir-rahal u pendenzi ohra kienet saret.

**70/03/10** **Para 69/03/14:** Il-Kunsill ġie nfurmat li t-tħawwil tas-siġar li kellu jsir fl-20 ta' Frar 2015 fis-Searchlight Battery ġie pospost minħabba x-xita. Ser nikkordinaw data ġdida.

**70/03/11** **Para 69/05/03:** Il-laqgħa mal-WSC għadha ma saritx pero gie innutat li ma kienux dahlu aktar ilmenti dwar l-bowser li kien jigi ibattal *f'manhole* fi Triq il-Ġnien.

**70/03/12** **Para 69/05/05:** Il-Pulizija ġew infurmati rigward l-ipparkjar bl-addoċċ tal-karozzi fil-Pjazza u fit-toroq tal-vicin ta' kull filgħaxija. Huma weghdu li ser issir aktar sorveljanza.

**70/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**70/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. Ġew approvati wkoll il-pagamenti li saru mill-*petty cash* għax-xahar ta' Frar.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**70/05** **Approvazzjoni tal-Financial Statements 2014 u l-Budget 2015**

**70/05/01** Ġew diskussi l-*Financial Statements* 2014 u l-*Financial Estimates* 2015. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati.

**70/06** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**70/06/01** 18115020224952 Talba sabiex titwahhal mera fi Triq Ghar San Brinkat kantuniera ma' Triq Għaxqet l-Għajn. Ġie unanimament deċiż li din it-talba diġà ġiet ikkunsidrata ftit ta' xhur ilu u d-decizjoni li kienet ittiehdet tibqa tghodd.

**70/06/02** 18115073224958 Talba biex jeħel *cover* fuq bozza quddiem dar numru 39 fi Vjal ir-Repubblika. Ġie unanimament deċiż li jinkiseb il-permess tal-Enemalta halli jkun jista jehel dan il-cover.

**70/06/03** 18115030225130 Talba biex tul Triq l-Oratorju ssir linja safra taħt il-bankina minhabba parkeġġ illegali. Fuq il-post diġà hemm tabelli li jipprojbixxu l-ipparkjar tal-vetturi. Ġie unanimament deċiż li ssir din il-linja.

**70/07** ***Korrispondenza***

**70/07/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA dwar applikazzjonijiet ghal zvilupp.

**70/07/02** Ġie innutat invit għal seminar fis-26 ta' Frar 2014 rigward sistema ġdida ta' *patching* bil-*cold asphalt.*

**70/07/03** Ġiet innutata korrispondenza mid-DLG rigward *sick leave survey* tul 2014.

**70/08** **Materji oħra u Mistoqsijiet**

**70/08/01** L-Agent S.E. informa lill-Kunsill li l-ex. S.E. tal-Kunsill kienet talbet li tingħata *Performance Bo*nus. Il-Kunsill unanimament innota li l-*performance* tal-ex S.E. matul l-2014 ma kinitx waħda sodisfaċenti tant li inqalgħu ħafna problemi, diversi xogħlijiet ma twettqux fil-ħin, kemm il-*Bord tal-Governanza* kif ukoll il-*Monitoring Unit* tad-DLG kellhom jintervjenu sabiex ibiddlu jekk jikkoreġu azzjonijiet tal-ex S.E. u kien hemm każi meta hi kellha problemi mal-Kunsillieri.

Fid-dawl ta' dan kollu u sabiex jinkiseb progress il-Kunsill unanimament kellhu japprova mozzjoni ta' sfiduċja fil-ex. S.E., liema mozzjoni ġiet aċċettata mill-Onor Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali u l-ex. S.E. tneħħiet mill-kariga tagħha.

Il-Kunsill innota ukoll li riżultat ta' żewġ ittri li l-ex S.E. ħarġet b'mod żbaljat u b'nuqqas ta' attenzjoni f'Ġunju 2014, il-Kunsill ġie servut b'Mandat ta' Inibizzjoni. Sabiex jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill kellu jħallas ammont sostanzjali fi spejjeż professjonali lill-Avukat.

Fic-ċirkustanzi l-Kunsill unanimament iħoss li l-*performance* tal-ex S.E. ma timmeritax li hi tingħata *Bonus*. L-Agent S.E. intalab sabiex jikkomunika din id-deċiżjoni tal-Kunsill lill-ex S.E. kif ukoll lid-DLG.

**70/09** **Aġġornament**

**70/09/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-6.25 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 10 ta’ Marzu 2015 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci**<br>**Sindku** | **Kurt Guillaumier**<br>**Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **10 ta’ Marzu 2015** |